MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 548/2000/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta' Mejju 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi, il-partijiet izzewgu fit-23 ta' Settembru 1990;

Illi, miz-zwieg bejn il-kontendenti twieldu zewgt itfal u cioe B li llum ghandha tmien snin u B li llum ghandha sena;

Illi, il-hajja konjugali bejn il-kontendeni tfarrket irremidjabilment minhabba adulterju, swat, sevizzi, eccessi w ingurji gravi da parti tal-konvenut;

Illi, il-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn sena;

Illi, l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f' dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 2000 (kopja hawn annessa w immarkata bhala Dok. "A");

Illi, *nonostante* diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju dana baqgha ma sehhx;

Illi ghalhekk kellha tigi prezentata dina l-kawza;

Illi, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16)** tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri B u B, ahwa B, jigu fdati lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hijijiet stabbiliti mill-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghalija u ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja xierqa w adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici** Civlili;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat minn din l-Qorti *in vista, inter alia,* tad-dati tal-akkwisit tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita' minn din l-Qorti bhala data meta l-istess kovenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut billi *okkorrendo* ghall-finijiet ta' din it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsejna lill-attrici l-beni kollha u parafernali taghha u separatament tordna lill-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

8. Tordna illi l-fond 272, Triq Napuljun Tagliaferro jkun okkupat eskluzivament mill-attrici;

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra *ossija* tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Qorti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' B datata 31 ta' Jannar 2002 a fol. 14 tal-process fejn ecepixxa bir-rispett:

1. Illi *in linea* preliminari, in-nullita' tac-citazzjoni a bazi tal-hames premessa tac-citazzjoni attrici peress illi jirrizulta manifestament illi l-perjodu minn meta gie ottenut id-digriet mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fil-wiehed u

ghoxrin (21) ta’ Marzu tas-sena elfejn (2000) ghad-data meta giet intavolata c-citazzjoni odjerna, ossia’ fil-hamsa u ghoxrin ta’ Mejju, tas-sena elfejn u wiehed (25.05.2001), jigifieri aktar minn sena u xahrejn wara, jindika bic-car illi ma gew onorati t-termini ta’ kemm huwa validu digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li a bazi tieghu u l-awtorizzazzjoni li jkun fih tkun trid tigi ntavolata c-citazzjoni f’ dak it-terminu: kwindi n-nullita’ tac-citazzjoni f’ dak it-terminu: kwindi n-nullita’ tac-citazzjoni odjerna;

2. Illi ghandha ssir referenza ghac-citazzjoni numru 2577/00 – NA, fl-ismijiet **“B vs A Cardona”**, fejn il-konvenut odjern fit-terminu korrett moghti lilu mill-ligi kien intavola c-citazzjoni tieghu kontra martu li odjernament jinsab *de facto* separat minnha, u t-talbiet tal-konvenut odjern, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni *in linea* preliminari li ghadha kif giet issollevata;

3. Illi l-konvenut odjern da parti tieghu ghamel diversi tentattivi serji biex issir is-separazzjoni bonarja gja’ la darba intemmet kull tama ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti konjugi B, u dan it-tentattiv sfuma fix-xejn minhabba l-attegjament negattiv da parti ta’ martu A Cardona, u fic-cirkostanzi l-konvenut m’ ghandux jigi kostrett li jbati ebda forma ta’ spejjez f’ din ic-citazzjoni odjerna;

4. Illi ghandha ssir referenza ghan-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici A fic-citazzjoni numru 2577/00 – NA, fl-ismijiet **“B vs A”**, liema citazzjoni kienet appuntata ghall-ewwel dehra ghal nhar l-erbgha u ghoxrin ta’ Settembru, tas-sena elfejn u wiehed (24.09.2001), waqt li n-nota tal-eccezzjonijiet ta’ A kienet giet intavolata fl-ewwel ta’ Awissu, tas-sena elfjen u wiehed (01.08.2001) u debitament notifikata lill-konvenut odjern *tramite* l-konsulent legali tieghu Dr. Emmy D. Bezzina f’ jum it-Tnejn, sbatax ta’ Settembru, tas-sena elfejn u wiehed (17.09.2001), f’ nofs inhar neqsin ghaxra ta’ fil-ghodu (11.50 a.m.);

5. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet *in linea* preliminari gja’ sollevati w eccezzjonijiet ohra li diga’ gew

indikat, l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha pero' ghal ragunijiet imputabbli l-istess attrici u mhux lill-konvenut odjern, u kwindi r-referenza ghac-citazzjoni numru 2577/00/NA li issa tinsab differita' ghal Gimgha l-ewwel ta' Frar, tas-sena elfejn u tnejn (01.02.2002), f' nofs inhar neqsin kwart ta' fil-ghodu (11.45 a.m.);

6. Illi t-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet attrici ghandhom jigu akkordati, b' mod illi jigi ffissat b' mod preciz l-access tal-konvenut ghal uliedu, *stante* li dan qed jigi mcahhad regolarment milli jarahom mill-istess attrici martu;

7. Illi r-raba' (4) talba attrici ghandha tigi michuda ghal ragunijiet legalment fondati, u hawn ukoll terga ssir referenza ghac-citazzjoni numru 2577/00 – NA fl-ismijiet **"B vs A"** li giet intavolata ferm qabel ic-citazzjoni odjerna, imma li fil-present ser tibda timxi ma' din ic-citazzjoni odjerna fl-udjenza ta' nhar l-Gimgha, l-ewwel ta' Frar, tas-sena elfejn u tnejn (01.02.2002), f' Awla 16, f' nofs inhar neqsin kwart (11.45 a.m.);

8. Illi l-hames (5) talba attrici hija ngustifikata kemm bhala fatt u kif ukoll fid-dritt, u ghandha tigi michuda u ghal dan l-iskop issir referenza ghac-citazzjoni fl-ismijiet inversi intavolata mill-konvenut kontra l-attrici li ghandha n-numru 2577/00 u prezenzjalment ser tibda tinstemgha kontestwalment ma' din ic-citazzjoni odjerna, l-ewwel dehra flimkien hija mmirata ghal Gimgha, l-ewwel ta' Frar, tas-sena elfejn u tnejn (01.02.2002), f' Awla 16, f' nofs inhar neqsin kwart (11.45 a.m.);

**9.** Illi fir-rigward tas-sitt (6) talba attrici, il-konvenut jaqbel li ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu l-attrici, *considerando* illi huwa prattikament dejjem kien il-persuna li gab l-ghixien ghall-familja tieghu u ghaldaqstant a bazi tal-ligi x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ghandu jirrispekja u jirrispetta dinil-posizzjoni, u ghalhekk li fic-cirkostanzi u f' dawn il-parametri l-konvenut jaqbel mas-sitt (6) talba attrici, *purche'* tigi sfilzata dik il-parti li ghaliha hemm referenza ghall-**artikolu 48 tal-Kodici Civili,** peress li minn dejjem kien il-kovenut li hadem u stinka biex jara lill-

familja tieghu, *ossia* l-attrici u z-zewg uliedu ma jkun jonqoshom xejn, u allura kwalsiasi referenza ghall-kontenut tal-**artikolu 48 bis-subartikolu** u l-paragrafu koncernat f' dak l-istess **artikolu 48** m' ghandhomx jigu meqjusa applikabbli ghall-istess konvenut, u hawn terga' ssir referenza ghac-citazzjoni numru 2577/00NA fl-ismijiet **"B vs A"**, li l-konvenut intavola ferm qabel l-attrici pero' li odjenament dawn iz-zewg kawzi sejrin jibdew jimxu kontestwalment b' effett minn nhar il-Gimgha l-ewwel ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (01.02.2002);

10. Illi fir-rigward tas-seba' (7) talba attrici, din ghandha tintlaqa' jekk tista' tintlaqa' u jekk hija applikabbli *stante* li kien dejjem il-konvenut li stinka u ta kollox lill-attrici w allura prattikament ma hemm l-ebda beni parafernali taghha, *ossia* tal-attrici li l-konvenut b' xi mod jista' jikkoncepixxi li ghandhom jigu kkonsenjati lill-istess attrci, u allura f' dawn il-parametri s-seba' (7) talba attrici jekk qatt kienet gustifikata, ghandha tintlaqa';

11. Illi fir-rigward tat-tmien (8) talba attrici , jappartjeni esklussivament lill-komunjoni tal-akkwisti, pero' imhallas l-aktar bil-hidma tal-istess konvenut, u ghaldaqstant hemm oggezzjoni da parti tal-konvenut li l-attrici w uliedu minuri jirizjedu esklussivament fil-fond mitejn tnejn u sebghin (272) Triq Napuljun Tagliaferro, pero' l-attrici ma tghidilnix fejn (tipikament in-negligenza taghha), u dan il-fond fic-cirkostanzi ghandu jigi mibjugh u r-rikavat tieghu maqsum ugwalment bejn il-partijiet, wara li jitnaqqsu l-ispejjez li jkun hemm involuti, u dan biex issir gustizzja mal-kontendenti konjugi B;

12. Illi fir-rigward tad-disa' (9) talba attrici, ma hemmx oggezzjoni ghal din it-talba da parti tal-konvenut, u billi dak li taghmel l-attrici f' dan ir-rigward ikun ugwalemnt ta' beneficcju ghall-konvenut ukoll, ghad illi ghandha ssir referenza ghac-citazzjoni numru 2577/00NA fl-ismijiet **"B vs A";**

13. Illi l-konvenut B m' ghandu jghabti ebda forma ta' spejjez, u dan dejjem b' referenza ghall-ewwel (1) eccezzjoni *in linea* preliminari ghas-sottomissjoni tal-fatt li

din ic-citazzjoni hija nulla billi l-attrici ottjenijiet id-digriet taghha numru 396/00 fl-ismijiet **“A vs B”** meta kienet ghadha ppatrocinata mill-Avukat Duttur tal-Ligi Dr. Martin Fenech, nhar il-wiehed u ghoxrin ta’ Marzu, tas-sena elfejn (21.03.2000) u li kif diga’ intqal lahqu ghaddew aktar minn sena u xahrejn qabel ma’ giet intavolata c-citazzjoni odjerna, li tkun assurdita legali kieku kellha tigi accettata li din ic-citazzjoni hija legalment valida skond il-ligi u nistutltifikaw l-artikoli li jirrgolaw il-procedura quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civlili u l-validita’ tad-digriet li jemanixxu minn hemm;

14. Illi salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda minn fol. 21 sa fol. 29 tal-process.

Rat il-verbal datat 7 ta’ Mejju 2002, fejn il-Qorti ordnat l-konnessjoni tal-kawzi cioe’ din u tal-kawza bic-Cit. Nru. 2577/00 jghoddu bhala provi fil-kawza l-ohra u *vice-versa.* Inghata digriet affidavit lill-partijiet b’ terminu ta’ erbghin (40) gurnata kull parti. Il-Qorti nnominat lil Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jisma’ l-provi kollha tal-partijiet mhix producibbli bl-affidavit.

Rat ir-rikors tal-konvenut B datat 31 ta’ Mejju 2002, fejn talab lil din il-Qorti biex:

1. Tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li jirreferi ghar-retta alimentari u minflok jiddetermina li l-esponenti ghandu jivversa ammont ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm 25.00) fil-gimgha ghaz-zwieg uliedu minuri bniet, waqt illi mart ir-rikorrenti tirregola l-hidma taghha r-retta alimentari taghha;

2. Tiffissa jiem u hinijiet adekwati biex ir-rikorrenti jkun jista’ jkollu access ghal uliedu minuri, gia la darba martu qieghda iccahhad lir-rikorrenti milli jkollu kwalsiasi forma ta’ access;

3. Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni li din il-Qorti jidhirilha xierqa u gust li tordna fic-cirkustanzi a bazi tat-talbiet tal-esponenti kif hawn fuq suesposti.

Rat ir-risposta tal-attrici Maryrose B datata 13 ta' Gunju 2002, a fol. 38 u fol. 39 tal-process.

Rat id-digriet datat 10 ta' Lulju 2002 fejn il-Qorti cahdet l-ewwel talba, laqghat it-tieni talba b' dan li l-access kellu jsir darba fil-gimgha fic-Centru Hidma Socjali f' gurnata fost il-gimgha, taht supervizjoni li ssir mas-social worker li tigi mahtura mid-Direttur tal-Appogg, ghal siegha kull darba u s-social worker kellha tipprezenta r-rapport taghha fi zmien sittin (60) gurnata.

Rat ir-rikors tal-attrici A, datat 17 ta' Gunju 2002, a fol. 44 talbet bir-rispett li din il-Qorti biex taghtija aktar zmien sabiex tipprezenta l-affidavit taghha.

Rat id-digriet datat 18 ta' Gunju 2002, fejn il-Qorti laqghat it-talba u ppreffiggiet lill-attrici erbghin (40) gurnata biex tipprezenta l-affidavit.

Rat in-nota tas-social worker Therese Micallef datata 6 ta' Settembru 2002, a fol. 47 tal-process.

Rat id-digriet datat 10 ta' Settembru 2002, a fol. 48.

Rat in-nota tas-social worker Norbert Cilia li permezz taghha prezenta r-rapport tieghu stess bhala social worker fi hdan l-Agenzija Appogg.

Rat il-verbal tal-5 ta' Dicembru 2002 fejn is-social worker Jane Azzopardi halfet ir-rapport. Il-Qorti ordnat lil Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici u zewg seduti ghall-konkluzzjoni provi tal-konvenut.

Rat ir-rapport tas-social worker Jane Azzopardi minn fol. 57 sa fol. 65 tal-process.

Rat il-verbal datat 8 ta' Mejju 2003, fejn il-Qorti ddikjarat il-provi maghluqa.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-8 ta' Mejju 2003, fejn xhedt A, minn fol. 68 sa fol. 74.

Rat il-verbal datat 12 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenut B datat 10 ta' Gunju 2003, fejn talab lil din il-Qorti biex joghgobha tirrevedi l-manteniment pagabbli mill-esponent lill-intimata martu u ghat-tifla minuri u tillikwida l-istess f' rata inferjuri *in vista* tal-kambjament fic-cirkostanzi tal-esponent u dan b' effett mill-1 ta' Jannar 2002 jew f' data ohra stabilita' appozitament mill-istess Qorti.

Rat id-digriet datat 11 ta' Gunju 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici A datata 9 ta' Lulju 2003.

Rat id-digriet datat 24 ta' Lulju 2003, fejn il-Qorti cahdet it-talba tar-rikkorrenti *stante* li jidher li l-konvenut ghazel li jaghlaq il-forn b' decizjoni tieghu u ma hemmx spjegazzjoni ghaliex sar dan.

Rat ir-rikors tal-konvenut B datat 7 ta' Awissu 2003, a fol. 77, fejn talab lil din il-Qorti biex joghgobha tirrevedi l-manteniment pagabbli mill-esponent lill-intimata martu u tillikwida l-istess f'rata inferjuri *in vista* tal-kambjament fil-qaghda finanzjarja tieghu u dan b'effett mill-1 ta' Jannar 2002 jew f'data ohra stabilita' appozitament mill-istess Qorti.

Rat id-digriet datat 11 ta' Awissu 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici A, datata 27 ta' Awissu 2003, a fol. 79.

Rat id-digriet datat 1 ta’ Settembru 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat ir-rikors tal-attrici A datat 23 ta’ Lulju 2002, a fol. 83, fejn talbet li din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-7 ta’ Mejju 2002 li permezz tieghu hija giet ordnata tipprezenta l-affidavit tax-xhieda taghha fil-kawza odjerna li ggib citazzjoni numru 912/01RCP u tawtorizza tipprezenta l-affidavit tax-xhieda taghha fil-kawza fl-ismijiet inversi li ggib citazzjoni numru 2577/00RCP u dana wara li B ikun ikkonluda l-provi tiehgu.

Rat id-digriet datat 24 ta’ Lulju 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 26 ta’ Settembru 2003, fejn il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tal-24 ta’ Lulju 2003 u cahdet it-talba.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 23 ta’ Settembru 2003, a fol. 89 fejn talab bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tirrevedi l-manteniment pagabbli mill-esponent lill-intimata martu u tillikwida l-istess f’rata inferjuri *in vista* tal-kambjament fil-qaghda finanzjarja tieghu u dan b’effett mill-1 ta’ Jannar 2002 jew f’data ohra stabilita’ appozitament mill-istess Onorabbli Qorti.

Rat id-digriet datat 26 ta’ Settembru 2003, fejn il-Qorti rreferit ghad-digriet taghha precedenti u rrikjamat il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghall-15 ta’ Ottubru 2003 u ordnat lill-konvenut johrog in-notifiki relattivi ghal-istess seduta.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Ottubru 2003, fejn il-konvenut mistoqsi mill-Qorti ddikjara li qed jghix f’ appartament b’ mija u ghoxrin lira (Lm 120) kera fix-xahar ma’ mara ohra, Ira Sinko, li minnha ghandu tifla u li ma tahdimx u qed jigu mantnuti minnu. Il-Qorti staqsietu ghall-kuntratt tal-forn, li l-konvenut qed jghid li ghalaq u rrisponda li kopja tal-kuntratt ma ghandux. Il-konvenut iddikjara li ghandu sebghin lira (Lm 70) paga fil-gimgha, minn xoghol mas-Sacred Heart Bakery il-Hamrun li jigi l-forn ta’ huh. F’ dan

il-forn huwa ha l-equipment li kellu fil-forn tieghu qabel. F'din is-seduta xehdu il-partijiet u d-difesnuri trattaw il-kaz.

Rat ix-xhieda tal-konvenut minn fol. 93 sa fol. 99.

Rat ix-xhieda tal-attrici minn fol. 100 sa fol. 115.

Rat il-verbal datat 30 ta' Ottubru 2003.

Rat il-verbal datat 4 ta' Dicembru 2003, fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lil Qorti li l-partijiet ma waslux ghal ftehim. Id-difensur talbu li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba w ipprefiggiet terminu sal-15 ta' Frar 2004 lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollhom sas-27 ta' April 2004 biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b' dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attrici.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 21 ta' Jannar 2004, fejn talab lil din il-Qorti biex joghgobha tipprocedi ghall-prolazzjoni tad-digriet taghha fuq ir-rikors tieghu u tirrievedi l-manteniment pagabbli mill-esponent lill-intimata martu u tillikwida l-istess f' somma ulterjuri.

Rat id-digriet datat 23 ta' Jannar 2004, a fol. 120, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-attrici A datata 9 ta' Frar 2004, a fol. 122 tal-process.

Rat id-digriet datat 16 ta' Frar 2004, fejn il-Qorti nnotat li kull rikors jigi degratat f' hinu minn din il-Qorti, kif dejjem ghamlet u kif gia ghamlet f' dan il-kaz, fejn l-istess rikors gie michud b' digriet datat 26 ta' Settembru 2003.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici A, datat 12 ta' Frar 2004 minn fol. 124 sa fol. 127 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut B, datata 27 ta’ April 2004 minn fol. 128 sa fol. 130.

Rat il-verbal datat 27 ta’ April 2004, fejn il-Qorti ordnat lid-difensuri tal-partijiet biex jindikaw b’mod car kif qed jissugerixxu li jsir l-ispartazzjoni tal-mobbli.

Rat in-nota tal-attrici A datata 8 ta’ Gunju 2004, li permezz taghha ssottomettit kif fil-fehma taghha ghandhom jinqasmu l-hwejjeg li sal-lum jifformaw il-komunjoni tal-akkwisti.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Beppe Fenech Adami, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tiddiferixxi din il-kawza ghal data ohra.

Rat id-digriet datat 22 ta’ Gunju 2004, fejn il-Qorti kellha tipprovdi *seduta stante.*

Rat il-verbal datat 24 ta’ Gunju 2004, fejn Dr. Stephen Thake ghall-konvenut informa lil Qorti li gie notifikat bin-nota tal-attrici u ddikjara li l-klijent tieghu hu nteressat fil-kamra tas-sodda (ta’ Fino) li tinsab fid-dar konjugali, *oltre* l-*airconditioner* u l-vann Transit li huma diga’ fil-pussess tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-23 ta’ Settembru 1990, u ghandhom zewgt itfal B li llum ghandha cirka tnax-il (12) sena u B li llum ghandha cirka hames (5) snin.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta konkludentement li l-istess konvenut huwa l-kawza ta’ din il-firda personali bejn il-partijiet *stante* li huwa hati *verso* l-attrici ta’ eccessi, mohqrija, theddid u ingurji gravi, u wkoll li kkometta adulterju tant li llum huwa ammess li l-istess konvenut kien qed jghix ma’ mara ohra Irina Synko mill-Ukrajna u wkoll ghandu wkoll tarbija mill-istess unjoni. Fil-fatt l-istess konvenut telaq mid-dar konjugali f’April 2000 u dan anke in vista tad-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 21 ta’ Marzu 2000 presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut beda jgib diversi ragunijiet sabiex ikun barra mid-dar matrimonjali, u beda’ iktar ma’ jghaddi z-zmien aktar ifittex li jkun l-boghod mill-istess dar, kollox bla ma jghid lill-attrici fejn ikun qieghed, jew kien jghid li qieghed xoghol meta dan ma jkunx minnu. Dan baqa’ jsehh sakemm l-istess konvenut telaq mid-dar konjugali u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi dwar manteniment jinghad li l-istess konvenut kellu fiz-zmien li l-attrici bdiet il-proceduri quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili forn li kien ghandu b’kera ghalkemm jidher li kellu l-makkinarju kollu ghall-istess bhala proprjeta’ tieghu. Skond l-attrici fl-istess forn kellu introjtu ta’ Lm300 fil-gimgha, u dan l-istess attrici tghid li tafu ghaliex hija stess kienet tghin lill-konvenut fix-xoghol tieghu. Kien abbazi ta’ dan il-mestier li s-Sekond’Awla tal-Qorti Civili permezz tad-Digriet fuq imsemmi ordnat lill-konvenut sabiex jissoministra lill-attrici ghaliha u ghal uliedha minuri s-somma komplessiva ta’ disghin lira Maltija (Lm90) fil-gimgha u dan kwantu ghall-Lm35 fil-gimgha ghall-attrici u Lm55 fil-gimgha ghal uliedu minuri. Tali manteniment l-istess konvenut baqa’ jhallsu biss sa’ Novembru 2000, u sa’ Jannar 2001 hallas biss l-ammont ta’ Lm55 fil-gimgha. Minn Jannar 2001 sa Jannar 2003 hallas biss l-ammont komplessiv ta’ Lm600 kif jidher mix-xhieda ta’ l-attrici a fol. 73 tal-process.

Illi huwa relevanti li jinghad li dan id-digriet inghata fil-21 ta’ Marzu 2000, u l-istess konvenut ma’ qal xejn li ma’

kienx ser ikompli b'dan il-mestier lill-Qorti ghalkemm wiehed ghandu jifhem li kien jaf meta l-istess kirja tal-forn kienet ser taghlaq. Dan qed jinghad ghaliex jirrizulta li sussegwentement l-istess konvenut qed isostni li l-istess kera tal-fond imsemmi, li kien mikri bhala forn lilu minghand zithu skada u huwa jallega li ha l-ghodda mill-istess hanut u poggihom fil-forn ta' huh il-Hamrun. Skond l-attrici l-konvenut qed imexxi n-negozju tieghu minn forn fil-Rahal Gdid li huwa mikri lilu u dan ghaliex huwa ghadu jqassam lill-istess klijenti li kellhom.

Illi l-konvenut qed isostni li n-negozju tieghu mar lura anke ghaliex is-sussusisdu tal-Gvern ta' Lm2,000 kien waqaf f'April 2000, u meta f'Mejju 2001 ghalqet il-kera tal-forn huwa beda jahdem bhala lavrant ma' huh bil-paga ta' Lm60 fil-gimgha. Dan sostnieh f'wiehed mir-rikorsi tieghu datat 7 ta' Awissu 2003 fejn sostna li ghandu jkun hemm kampjament fil-manteniment li kien ordnat ihallas b'effett minn Jannar 2002. Izda l-Qorti tinnota li l-istess konvenut kien gja ghamel rikors qabel f'Mejju 2002 li jinsab indikat a fol. 34 tal-process u li fih jghid huwa *"jinsab prattikament dizokkupat u qed jghix bid-doughnuts li jaghmel li jhallulu qliegh ta' madwar sittin lira Maltin (Lm60) fil-gimgha bejn wiehed u iehor".* Dan meta kien qed jikri appartament ghalih u ghall-persuna ma' min kien qed jghix ta' Lm120 fix-xahar. Certament li l-kontenut taz-zewg rikorsi tal-konvenut lanqas huma biss konsistenti ghal xulxin, u dan apparti li l-istess konvenut ma' gab l-ebda prova kwalunkwe ta' dak allegat minnu, u dan minkejja li b'regolarita' baqa' jippersisti fl-agir tieghu u anke pprezenta diversi rikorsi ohra datat 10 ta' Gunju 2003, 7 ta' Awissu 2003, 23 ta' Settembru 2003.

Illi jinghad ukoll li fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2003 l-istess konvenut xhed li ghandu paga ta' Lm70 fil-gimgha u huwa impjegat ma' huh Joseph B f'Sacred Heart Bakery, Hamrun; huh gieli jtih Lm40 ohra zeja fix-xahar ghaliex imurr jghinu fil-ghaxija. Qal li meta kellu l-forn huwa kien jaqla' Lm4,500 fis-sena u kien immur tlett btajjel fis-sena. Qal li wara d-digriet tal-Qorti x-xoghol nizel bin-nofs. L-ghodda tal-forn hadhom u qeghdhom fil-forn ta' huh il-Hamrun. L-attrici tghid li l-istess konvenut baqa' jmexxi n-

negozju tieghu mir-Rahal Gdid, 55 Dockyard Street, Paola. Il-konvenut jghid li dak l-istess forn kien ta' certa Rose Zammit, li kien hadem maghha ghall-erba' (4) t'ijiem qabel ma' beda jahdem ma' huh. Il-forn li hemm Hal-Tarxien huwa ta' huh l-iehor Frankie B.

Illi hawn ta' min jirrileva li fil-kawza fl-ismijiet inversi **"B vs A sive B"** (Citaz. Numru 2577/00/RCP) li marret dezerta fl-1 ta' April 2004, l-istess konvenut fix-xhieda tieghu tat-22 ta' Novembru 2002 jghid li huwa jaqla' cirka Lm70 netti u kellu impjegat mieghu jismu Herman u jahdem fil-forn 55 Triq it-Tarzna Rahal Gdid, liema fond qal li huwa jikri bir-rata ta' Lm3 kuljum u jhallas l-istess ammont lil A Zammit li toqghod fuq l-istess fond. Qal li rama' l-post bl-makkinarju tieghu.

Illi din il-Qorti thoss li l-verzjoni tal-konvenut ma' hijiex konvincenti u apparti l-fatt li huwa jikkontradixxi x-xhieda tieghu stess f'diversi okkazzjonijiet, jirrizulta li huwa nkonsistenti ghall-ahhar fix-xhieda tieghu. Dan apparti li minkejja diversi snin u diversi rikorsi f'zewg kawzi huwa dejjem naqqas li jipprova dak allegat minnu – fejn huwa varja l-versjoni tieghu kemm dwar fejn kien jahdem, meta waqaf jahdem f'post u mar f'iehor, u wkoll meta skond huwa beda jahdem bhala impjegat u mhux ghar-rasu. Fil-fatt jista' jinghad li l-istess konvenut ma' gab l-ebda prova sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu li n-negozju tieghu ta' furnar, (li kien qed irrendi sew tant li kien jaghti lill-mara Lm90 fil-gimgha bhala manteniment u anke dan kien jippermettilhu li jsiefer anke gieli tlett darbiet fis-sena), kien naqqas sew.

Illi in verita' l-ebda dokument li jista' jirreferi ghal dan kollu ma' gie esebit mill-konvenut u dan minkejja d-diversi rikorsi li huwa pprezenta sabiex jitlob tnaqqis mir-rata ta' manteniment li kien ordnat ihallas b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Mhux hekk biss izda l-istess konvenut naqas li jesebixxi xi dokumenti li juru l-introjtu tieghu, anke kif allega huwa f'diversi perjodi; naqas li jesebixxi wkoll l-kuntratti ta' kera li huwa kellu, wiehed li spicca skond huwa fil-mori tal-kawza u l-iehor li dahal fih fil-mori ta' l-istess kawza; ma hemm l-ebda spjegazzjoni

ghaliex ittermina l-kera tal-forn li kien jikri minghand zithu sabiex mar ha post iehor b'kera ir-Rahal Gdid, - jekk skond huwa ix-xoghol kien sejjer hazin ma hemm l-ebda raguni ghaliex kera post iehor f'post differenti – jekk mhux sabiex jgieghel lill-attrici tahseb li ma' baqax jahdem ta' furnar.

Illi dan pero' mhux kollox ghaliex fl-istess hin l-istess konvenut lanqas ressaq ebda xhieda sabiex jissostanzja t-tezi tieghu li huwa mpjegat, tant li mhux biss l-ebda dokumenti ma' gie esebiet izda lanqas huh, ma' min allegatament jahdem ma' xhed; l-ebda dokumenti validu fl-fatt ma' gie esebiet f'din il-krucjata tieghu sabiex inaqqas l-ammont ta' manteniment li gie ordnat ihallas *pendente lite* lil martu u liz-zewg uliedu.

Illi jinghad ukoll li dan ix-xenarju kollu sehh wara li kif jidher mill-atti processwali kien huwa  stess kien accetta li johrog mid-dar konjugali u kien ghalhekk li inghata gimghatejn zmien bid-digriet tas-Sekond'Awla imsemmi sabiex johrog mid-dar konjugali, u fil-fatt mar jghix ma' mara ohra f'appartament b'kera ta' Lm120 fix-xahar u wkoll imantni lill-istess siehba gdida tieghu u lil bintu mill-istess relazzjoni. Dan qed jghid li llum qed jaghmlu b'paga ta' Lm70 fil-gimgha.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-verzjoni tal-konvenut ma' hijiex kredibbli, u jirrizulta car li l-istess konvenut ghamel u qed jaghmel min kollox sabiex jevita li jhallas l-manteniment ordnat lilu biex ihallas u ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti sejra tiehu l-provedimenti opportuni fir-rigward ta' l-istess konvenut, tenut kont tal-fatt li l-istess konvenut ghamel dak kollu possibbli minnu sabiex jevita li josserva l-ordinijiet tal-Qorti ghall-hlas ta' l-istess ammont ta' manteniment u m' hemm l-ebda dubju li hekk ser jibqa' jaghmel fil-futur.

Illi sabiex tigi evitata din id-diffikolta' li qed  tidher li ser tkun permanenti anke minhabba l-attitudni tal-konvenut kif murija waqt din il-kawza, din il-Qorti thoss li filwaqt li ghandha timxi fuq il-bazi li l-manteniment ghal attrici  u ghall-minuri ghandu jigi gustament u rejalment ikkalkulat

fuq is-somma ta’ Lm90 fil-gimgha, proprju kif stabilit mill-Qorti tas-Sekond’Awla Civili u dan anke peress li din il-Qorti thoss li anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument jigi accettat li kien hemm tnaqqis mill-qliegh tal-konvenut, dan it-tnaqqis sar deliberatament mill-konvenut sabiex jevadi l-obbligi tieghu ta’ hlas ta’ manteniment kif ordnat lilu li jithallas mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili. Dan ifisser li kull tnaqqis mill-introjtu gabhu b’idejh il-konvenut stess, u fil-fatt hekk ried jaghmel u dan ghaliex mill-process kollu gudizzjarju u mill-provi prodotti, inkluz l-attagament tal-konvenut innifsu f’din il-kawza anke quddiem din il-Qorti, jirrizulta li l-agir tal-konvenut kien biss intenzjonat u immirrat sabiex jevita li josserva d-digriet ghall-hlas ta’ manteniment *pendente lite* u dan b’kull mod possibbli. Fil-fatt din il-Qorti thoss li fi kwalunkwe kaz kien dan l-agir abbusiv u unilaterali tal-konvenut li b’mod malizjuz u deliberat ipprova jidher li qed inaqqas l-introjtu tieghu quddiem din il-Qorti, u fil-fatt uza kull mezz sabiex jisvija lil din il-Qorti, anke permezz ta’ prezentata ta’ diversi rikorsi ripettuti *tramite* d-difensur tieghu, bl-ghan uniku li jevadi l-obbligi tieghu kemm *verso* martu u kemm lejn uliedu stess.

Illi fil-fatt din il-Qorti tistqarr li ma’ huwiex car ghaliex l-istess konvenut qed jaghmel din l-azzjoni lill-attrici u lil uliedu stess meta kien huwa li ta lok ghal din il-firda personali fuq kollox minhabba r-relazzjoni adultera tieghu – u dan huwa iktar serju u preokkupanti meta jidher car li l-azzjonijiet tal-konvenut wegghu bil-bosta lil uliedu stess, kif jidher palezament mid-diversi rapporti tas-*social workers* li kienu inkarigati bil-kaz; fil-fatt hemm car li l-istess ulied, u in partikolari l-kbira minnhom ma’ tistax taccetta li missierha ghandu familja ohra, u wkoll li l-mara ma’ min qieghed jghix illum il-konvenut tkun prezenti wkoll meta missierha gieli kien maghha – dan apparti l-attitudini ta’ l-istess konvenut innifsu li kemm-il darba ma’ marx ghall-appuntamenti li huwa kellu ma’ l-istess ulied, kif jrrizulta car mill-istess rapporti tal-persuni fuq indikati li kienu qed jissorveljaw l-access tal-konvenut ma’ uliedu. Il-fatt li l-istess konvenut qed jaghmel dan kollu sabiex inaqqas il-manteniment anke ta’ uliedu stess hija wkoll azzjoni serja u gravi li din il-Qorti certament ma thossx li

ghandha taccetta u dan fl-interess ta' l-istess ulied, meta jirrizulta li l-konvenut manifestament qed jaghmel minn kollox sabiex inaqqas apposta l-introjtu tieghu.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jibqa' l-fatt li ser ikun hemm diffikulta serja sabiex jithallas il-manteniment *da parte* tal-konvenut u dan kemm relattivament kemm ghall-ammonti dovuti bhala manteniment mill-konvenut bhala arretrati u kemm dak li jista' jkun dovuti minnu il-quddiem kemm lill-attrici w ukoll lil uliedha u ghalhekk din il-Qorti sabiex kemm jista' jkun tnaqqas minn dan il-perikolu ser tiehu l-provvedeimenti opportuni fid-divizjoni anke tal-komunjoni ta' l-akkwisti bl-applikazzjoni anke ta' l-**artikolu 48 u 54 (6) tal-Kap 16.**
Illi l-istess partijiet ghandhom il-fond 272, Triq Napuljun Tagliaferro, Pembroke u fuq dan jirrizulta li thallas self mill-attrici ta' Lm3,455 ml-Lohombus peress li l-konvenut kien waqaf ihallas anke tali self. Fl-istess dar hemm kcina, salott, main bedrrom, spare bedroom, monitor u video u diversi oggetti ohra. Ghandhom ukoll karozza Hyundai Reg. NO. MRM – 111.

Illi ghalhekk *in vista* tal-premess din il-Qorti tordna li d-dar konjugali flimkien ma' l-ghamara kollha li hemm gjo fiha u bil-karozza fuq indikata ghandhom jigu assenjati b'kollox u fl-intier tagghom lill-attrici u dan *per saldo* ghad-drittijiet ta' l-attrici ghall-manteniment minghand zewgha, kemm ghal dawk li huma arretrati u kemm ghal dawk li huwa d-dritt ta' manteniment konsegwenti ghal din is-sentenza, u per saldo ghad-drittijiet ta' arretrati ta' manteniment ghall-minuri skond id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll in sodisfazzjon ta' sehem l-attrici mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u kull kreditu iehor li l-attrici seta' kellha kontra l-istess konvenut.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti tassenja lill-konvenut bhala sehemu mill-komunjoni ta' l-akkwisti l-*washing machine*, *air conditioner, bbq set,* mejda u erba' siggijiet li jinsabu wkoll gja fil-pussess tal-konvenut, il-flus kollha li gew irtirati mill-konvenut, l-ghodda kollha tal-forn u attrezzi ohra li jinsabu elenkati a fol. 134 tal-process li jinsabu

kollha fil-pussess tal-konvenut u l-van Transit u oggetti l-ohra kollha l-ohra li gja jinsabu fil-pussess tal-konvenut.
Illi dwar manteniment ta' l-ulied il-minuri din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ta' l-istess minuri b'effett mid-data ta' din is-sentenza l-ammont ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha, pagabbli kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici.

Illi dwar kura u kustodja tal-minuri dawn ghandhom jigu fdati f'idejn l-attrici bi dritt ta' access favur il-konvenut b'supervizjoni ta' social worker ta' l-Agenzija Appogg ta' darba fil-gimgha ghall-siegha wahda biss, f'gurnata u hin li jigu ffissati mill-istess *social worker,* b'dan li l-minuri B ghandha issegwi kors ta' terapija provdut mill-istess Agenzija, u wkoll b'dan li l-istess imsemmija minuri ma ghandha bl-ebda mod ma' tigi sforzata li tattendi ghal-istess access, izda f'dan il-kaz jinghata pre-avviz dicenti lill-konvenut. Din il-Qorti tordna li l-konvenut ghandu jattendi fil-hin u regoralment ghall-istess access, u fin-nuqqas l-istess access ghandu jigi sospiz mill-istess Agenzija Appogg. Tali access ghandu jsehh biss fil-presenza ta' l-istess konvenut u fl-assenza ta' kull persuna ohra hlief naturalment tas-social worker li tkun qed tissorvelja l-istess access. Dan qed issir anke fuq rakkomandazzjonijiet ta' *social workers* li pprezentaw ir-rapport taghhom f'din il-kawza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad is-seba' talba attrici u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif premess *stante* li huwa kien hati *verso* l-attrici ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u ingurji gravi, u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap. 16)** tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun

ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda bhala dik ta’ Marzu 2000;

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separatament mill-konvenut zewgha;

3. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri B u B, ahwa B, jigu fdati lill-attrici salv l-access tal-konvenut taht supervizzjoni ta’ *social worker* ta’ l-Agenzija Appogg ta’ darba fil-gimgha ghal siegha wahda biss, il-gurnata u l-hin jigu ffissati mill-istess *social worker,* b’dan li l-minuri B ghandha issegwi kors ta’ terapija provdut mill-istess Agenzija, u wkoll b’dan li l-istess imsemmija minuri ma ghandha bl-ebda mod ma’ tigi sforzata li tattendi ghal l-istess access, izda f’dan il-kaz jinghata pre-avviz dicenti lill-konvenut u dan ukoll taht il-kondizzjonijiet l-ohra indikati aktar il-fuq f’din is-sentenza. Tordna li a spejjez attrici kopja legali ta’ din id-decizjoni jigu formalment notifikati lill-Agenzija Appogg sabiex l-istess Agenzija taderixxi ruhha ma’ l-istess fl-interess ta’ l-imsemmija minuri;

4. Tilqa’ din it-talba fis-sens li jigi ddikjarat li l-istess attrici ghandha dritt ta’ manteniment, inkluz id-dritt li tithallas ta’ l-arretrati ta’ manteniment decretati favur taghha kemm minn din il-Qorti u kemm mill-Qorti tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, izda tali dritt ta’ manteniment u wkoll id-dritt ta’ hlas tal-arretrati ta’ manteniment ser jigi saldat bl-applikazzjoni anke ta’ l-**artikolu 45 (6) tal-Kap 16** kkif jirrizulta aktar il-fuq f’ din is-sentenza u wkoll abbazi ta’ dak ordnat konsegwenti ghas-sitt talba tac-citazzjoni attrici;

Illi dwar l-arretrati ta’ manteniment ghall-istess minuri in forza ta’ l-istess digrieti *pendente lite* din il-Qorti tirreferi ghall-istess provvedimenti konsegwenti ghas-sitt talba attrici, izda b’effett mid-data ta’ din is-sentenza tipprovdi ghall-manteniment ta’ l-istess minuri mill-konvenut fir-rata ta’ erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha, pagabbli kull erba’ gimghat bil-quddiem fir-residenza ta’ l-attrici, b’effett mid-data ta’ din is-sentenza;

5. Tilqa’ din it-talba u tapplika kontra l-konvenut interament id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b’effett minn Marzu 2000 u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma bil-mod segwenti anke bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 u l-artikolu 54 (6) tal-Kap 16** kontra l-konvenut kif fuq indikat b’dan ghalhekk li konsegwenti ghal l-istess din il-Qorti tordna li d-dar konjugali 272, Triq Napuljun Tagliaferro, Pembroke flimkien ma’ l-ghamara kollha li hemm gjo fiha u bil-karozza fuq indikata ghandhom jigu assenjati b’kollox u fl-*intier* taghhom jigu assenjati lill-attrici u dan *per saldo* ghad-drittijiet ta’ l-attrici ghall-manteniment minghand zewgha, kemm ghal dawk li huma arretrati u kemm ghal dawk li huwa d-dritt ta’ manteniment konsegwenti ghal din is-sentenza, u *per saldo* ghad-drittijiet ta’ arretrati ta’ manteniment ghall-minuri skond id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll in sodisfazzjon ta’ sehem l-attrici mill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet u kull kreditu iehor li l-attrici setgha kellha kontra l-istess konvenut;

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti tassenja lill-konvenut bhala sehemu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti l-*washing machine, air conditioner, bbq set*, mejda u erba’ siggijiet li jinsabu wkoll gja fil-pussess tal-konvenut, il-flus kollha li gew irtirati mill-konvenut, l-ghodda kollha tal-forn u attrezzi ohra li jinsabu elenkati a fol. 134 tal-process li jinsabu kollha fil-pussess tal-konvenut u l-vann Transit u l-oggetti l-ohra kollha li gja jinsabu fil-pussess tal-konvenut;

7. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta’ provi f’dan ir-rigward;

8. Tordna illi l-fond 272, Triq Napuljun Tagliaferro jkun okkupat eskluzivament mill-attrici flimkien ma’ uliedha minuri bl-esklussjoni tal-konvenut, u dan inforza ta’ din it-talba li qed tigi milqugha w ukoll inforza ta’ dak gja provdut

f'din is-sentenza fejn l-istess immobbli fl-*intier* taghha giet assenjata lill-attrici;

9. Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici illi tirregistra *ossija* tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut.

Illi *inoltre'* minhabba li l-konvenut abbuza mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless bil-mod kif huwa agixxa f'dawn il-proceduri tant li din il-Qorti thoss li huwa pprova jisvija lill-istess Qorti w ukoll ghamel dak kollu possibbli sabiex ittawwal dawn il-proceduri bla bzonn u dan huwa rifless anke min-numru ripettuti ta' rikorsi li huwa pprezenta f'din il-kawza, hafna minnhom ripetuti, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li kopja legali ta' din is-sentenza tigi kkomunika lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali sabiex, wara d-debita investigazzjonijiet jittiehdu jekk ikun il-kaz il-passi kollha kriminali li hemm bzonn jekk jirrizulta li l-istess konvenut ghandhom jittiehdu proceduri kontra tieghu abbazi ta' **l-artikoli** appositi ta' **Kodici Kriminali** inkluz l-**artikolu 106 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------